MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 719/2010

**Carmel Grima**

**Vs**

**Vince Attard et**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih l-attur wara li qal illi:

L-attur f'ismu proprju u bhala ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta Titan Woodworks jinsab kreditur tal-konvenuti Vince Attard u V. Attard (Works) Limited fis-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, disa' mija u erba' u sittin

Ewro (€14,964) bilanc tal-prezz dovut ghal xoghol ta' injam esegwit minnu fuq inkarigu tal-istess konvenuti.

Illi minkejja diversi weghdiet tal-konvenut Vince Attard li ser ihallas, u minkejja li gie nterpellat anke permezz ta' ittra ufficjali, dan baqa' ma hallasx l-ammont imsemmi dovut minnu u dan l-ammont ghadu dovut sal-llum.

Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut, u fil-fema tal-attur il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba tieghu ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

Talab illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Vince Attard u V. Attard (Works) Limited, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu lill-attur is-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u erba' u sittin Ewro (€14,964) bilanc tal-prezz dovut ghal xoghol ta' injam esegwit minnu fuq inkarigu tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Frar 2010, u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-ittra ufficjali msemmija sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ukoll in-nota li biha l-attur naqqas it-talba u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx u baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-attur kif imnaqqsa bin-nota tal-25 ta' Marzu, 2011, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------